**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR BRIGITTE SULTANA LL.D. LL.M. (CARDIFF), ADV. TRIB. ECCL. MELIT.**

**Seduta tal-lum, l-Erbgha, 18 ta' Settembru 2019.**

**Il-Pulizija**
**Spettur Bernard Charles Spiteri**

**-vs-**

**Abduraouf Younis Mansur Altabib ta' 40 sena li ghandu numru tal-karta ta' l-identita' 58794A, iben Younis u Zejna nee' Altabib, imwieled Tripoli, Libya, nhar il-24 ta' Novembru 1978 u resident "Il-Gallarija", Block C, Flat 3, Triq tas-Srug, Xaghra, Ghawdex**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat talli nhar il-5 ta' Settembru 2019, f'xi hin bejn 9.00a.m. u 10.00a.m. waqt li kien qieghed gewwa blokka ta' appartamenti bil-isem 'Il-Gallarija', Block C', triq tas-Srug, Xaghra Ghawdex u/jew fil-vicinanzi;

1. Hedded jew ingurja bi kliem jew bi mod iehor lil Mikael Francois Fernand, Benoit Caudal u Ninon Caudal u dan bi ksur tal-artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9.

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi minghajr ma' darab jew sawwat, hedded bil-gebel jew bi hwejjeg ohra iebsin u cioe' hadida, jew waddabhom jew qabad arma u cioe' arma li taqta' u bil-ponta kontra l-persuna ta' Mikael Francois Fernand u dan bi ksur tal-artikolu 339(1)(b) tal-kap. 9.

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, u dan bi ksur tal-artikolu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. U aktar talli fil-istess data, hin, lok u cirkostanzi u fil-gimghat u xhur ta' qabel gewwa Kercem u/jew fi postijiet ohra fi Ghawdex ikkaguna bizgha lil Mikael Francois Fernand, li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta' taghha dan bi ksur tal-artikolu 251B tal-Kapitolu 9.

F'kaz ta' htija l-Qorti hija mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta ta' Mikael Francois Fernand u l-familja tieghu u dan ai termini tal-Art. 383 et seq. tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-qorti hi gentilment mitluba illi minn issa tipprovdi ghall-garanzija ta' Mikael Francois Fernand u l-familja tieghu skont artikolu 412 (C) tal-Kap. 9 tal-Kodici Kriminali.

Rat illi l-imputat iddikjara illi huwa jifhem bil-lingwa Maltija kif ukoll Ingliża.

Rat illi l-imputat ma kkontestax il-validita' ta' l-arrest u ghalhekk il-Qorti kkonvalidat l-arrest.

Rat li matul is-seduta tas-06 ta' Settembru 2019 l-Ufficjal Prosekutur ikkonferma l-imputazzjonijiet bil-gurament tiegħu kif ukoll ipprezenta sikkina u hadida maghluqin go envelope kannella mmarkat BS1, lembuba maghluqa go envelope iehor kannella immarkat Dok BS2, kif ukoll ir-rapport ta' l-okkorrenza mmarkat Dok BS3.

Rat illi wara li l-Qorti spjegatlu n-natura ta' kull imputazzjoni u spjegatlu illi ghandu d-dritt illi jibqa' sieket l-imputat tenna li huwa ma hux hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Rat illi l-imputat inghata l-helsien mill-arrest.

Rat ukoll illi inharget ordni ta' protezzjoni ai termini ta' l-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda kollha mressqa mill-Prosekuzzjoni fis-seduta tas-6 ta' Settembru, 2019, liema xhieda ma kienux jafu jitkellmu bil-Malti u lanqas bl-Ingliz u ghalhekk issejhet interpretu Maureen Muscat illi wara illi nghatat il-gurament illi tittraduci fedelment, ghamlet traduzzjoni simultanja waqt is-seduta tax-xhieda moghtija bil-Franciz.

Fit-13 ta' Settembru, 2019, xehed bil-gurament PS Shaun Tabone u pprezenta l-okkorrenza.

**XHIEDA.**

Xehdet bil-gurament **Ninon Machault** illi rrelatat x'gara dak inhar ta' l-incident ma' l-akkużat. Din ix-xhud affermat illi mhux hi cemplet lill-pulizija. Qalet illi kienet qed tpejjep sigarett fuq it-turgien ta' barra l-blokka ta' l-appartamenti fejn kienet qed tghix waqt il-btala taghha. L-akkuzat avvicinha u qalilha sabiex tmur tpejjep aktar 'il boghod. Qalet illi ma bdietx tifhem dak kollu illi kien qed jghidilha izda fehmet xi kliem bl-ingliz bhal "*fuck you*". Affermat illi l-imputat resaq vicin hafna taghha u hasset illi kien aggressiv. Imbaghad dahal id-dar tieghu u hija marret lura fl-appartament fejn irrakontat kollox lis-sieheb taghha kif ukoll lil sid il-flat li huwa habib taghhom u li kienu qed jghixu mieghu. Xehdet ukoll illi ftit hin wara hija akkumpanjata mill-*boyfriend* taghha regghet nizlet biex imorru Kemmuna u l-imputat rega' hareg u baqa' jinsulentahom. Tikkonferma illi l-imputat ma kellux hadid f'idu meta nizel maghhom. Ix-xhud identifikat il-hadida esebita bhala l-hadida li kellu l-akkuzat.

Xehed ukoll bil-gurament **Benoit Caudal**. Huwa afferma illi kemm hu u kemm is-siehba tieghu kienu qed jghixu ghand habib taghhom fi Triq is-Srug, Ix-Xaghra. Huwa kien qed jipprepara biex johorgu u s-siehba tieghu dahlet tibki u rrakontatlu li il-gar ta' Mikael kien ghadu kemm insulentaha. Afferma illi sa dak il-hin ma kien sema' xejn. Afferma illi diga kellhom xi jghidu mal-imputat fuq kif kienu pparkjaw l-*iscooter*. Dan ix-xhud ikkonferma illi kien huwa illi avvicina lill-imputat u staqsieh ir-raguni ghalfejn insulenta lis-siehba tieghu. Kwazi gew fl-idejn u mbaghad nizel Mikael u kompliet tishon. Mistoqsi mill-Qorti jekk l-imputat kienx armat mill-ewwel jew inkella gabx il-hadida wara li niżel Mikael, ix-xhud ikkonferma illi Mihael nizel b'lembuba f'idu u malli ra hekk l-imputat mar u gab hadida. Xehed illi l-imputat qalilhom illi kien ser iċempel lill-pulizija u li huma qalulu li jista' jaghmel hekk. Ix-xhud identifika l-esebiti kollha bhala dawk l-oggetti li ntuzaw dak inhar ta' l-incident.

Xehed ukoll sid l-appartament Mihael Francois Fernard. Ikkonferma illi sar jaf bid-diverbju illi kien ghadda bejn il-habiba tieghu u l-imputat ghax qaltlu hi. Ikkonferma illi l-imputat kien cempel ghall-pulizija. Ikkonferma wkoll illi meta nizel fit-triq ghax kien sema' l-ghajjat ha mieghu l-lembuba ghax fil-passat kellu xi jghid ma' l-imputat u ried jiddefendi ruħu. Xehed illi l-imputat kellu hadida f'idu u beda jxejjirha lejh. Kellu wkoll sikkina mohbija taht il-qmis u anke ghamillu sinjal illi ried jaqtaghlu rasu. Ix-xhud identifika s-sikkina bhala l-arma illi kellu l-imputat dak inhar ta' l-incident. Ix-xhud in kontro ezami kkonferma illi l-imputat fil-bidu ma kellu xejn f'idejh.

PS698 Shaun Tabone xehed illi persuna annoninma kienet cemplet l-ghassa u rrapurtat illi kienet ghaddejja glieda fi Triq is-Srug Xaghra. Meta marru fuq il-post sabu lill-

imputat irrabjat barra fit-triq. Dan infurmahom illi kien hemm grupp Francizi illi kienu qed ipejjpu fil-komun, jipparkjaw bl-addocc u johorgu iz-zibel kmieni. Gharrafhom illi kien kellem lil wahda minnhom u li wara nizel rahel u heddu b'arma li tixxokkja. PS 698 kompla jirrelata l-fatti kif jirrizultaw mill-okkorrenza.

Rat illi l-Prosekuzzjoni ddikjarat illi ma kellhiex provi ohra xi tressaq.

Rat illi d-Difiza ddikjarat illi lanqas hi ma kellha provi xi tressaq

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet .

**IKKUNSIDRAT:**

Mix-xhieda prodotta mill-prosekuzzjoni toħrog stampa cara fejn jirrizulta illi l-imputat avvicina lil Ninon Machault li kienet qed tpejjep fil-bieb ta' barra tal-blokka ta' l-appartamenti u ppretenda illi hija tmur tpejjep band'ohra. Il-fatt illi kellimha b'lingwa li hija ma fehmitx ghal kollox pero' uhud mill-kliem kienu jiftehmu u kienu offensivi, il-fatt illi l-komportament tieghu kien agitat u l-fatt illi ma halliex distanza adegwata bejnu u bejnha waqt din id-diskussjoni wasslet biex l-imsemmija Ninon Machault hassitha aggredita. Il-Qorti, izda, ma hix konvinta illi l-imputat gholla lehnu wisq maghha sempliciment ghax is-sieheb taghha xehed illi huwa kien go l-appartament fuq u ma kien sema' xejn - sar jaf bl-incident ghax qaltlu hi meta regghet lura fuq.

Jirrizulta wkoll illi meta iz-zewg Francizi cioe' Ninon Machault u Benoit Caudal kienu nezlin it-tarah biex imorru Kemmuna kien Benoit Caudal illi kellem lill-imputat u mhux bil-kontra. Dan ghamlu ghax ried spjegazzjoni minghand l-imputat ghal dak illi kien intqal lil Ninon Machault - dan il-komportament da parti ta' Benoit Caudal spicca l-micca illi xeghlet il-fjamma. Tant hu hekk illi Mikael Francois Fernard xehed illi hu sema' l-ghajjat u niżżl. Ikkonferma illi miegħu nizzel lembuba. Ix-xhieda jikkonfermaw illi l-imputat ma kienx armat sakemm kellimhom. Jirrizulta illi l-imputat gab hadida u sikkina meta ra lil Mikael Francois armat bil-lembuba.

Hija l-fehma tal-Qorti illi f'dan il-kaz l-agir tax-xhieda Benoit Caudal u Mikael Francois Fernard u l-karattru volatili ta' l-imputat kienu l-ingredjenti illi ipprecipitaw l-incident. Huwa car illi l-imputat irejagixxa ghall-ambjent ikkrejat minn Caudal u Fernard. Madankollu ma jfissirx illi l-Qorti qieghdha b'xi mod tiggustifika l-agir ta' l-imputat. Il-Qorti kellha c-cans tosserva l-komportament ta' l–imputat fl-awla waqt illi kienu qed jinqrawlu l-imputazzjonijiet u matul l-ispjega tal-Qorti kif ukoll waqt ix-xhieda. Il-Qorti kemm-il darba wissiet lill-imputat biex jikkontrolla ruhu kif ukoll ma jibqax agitat. Il-komportament ta' l-imputat huwa wiehed illi jenhtieg illi jigi kontrollat. L-użu ta' hadida

u sikkina zgur ma humiex l-g]odda gusta sabiex tinstab soluzzjoni. Dan l-argument seta' kellu ezitu ferm differenti.

**DECIDE**

Il-Qorti wara li rat l-Artikoli, Art. 339(1)(e), Art.339 (1)(b) u Art. 338(dd), Art.251B u Art. 383 *et seq* tal-Kap.9 tal-Kodici Kriminali qeghda ssib, lil Abduraouf Younis Mansur Altabib, hati tal-imputazzjoni migjuba kontrih. Illi kwantu ghall-piena li ghandha tigi nflitta, il-Qorti qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u l-modalita' ta' kif zviluppa l-argument. L-imputat huwa missier ta' familja bi tfal minuri li jiddependu minnu u ghalhekk il-Qorti hija tal-fehma illi piena karcerarja f'dan l-istadju ma hix ser thalli il-frott illi wieħed jkun qed jistenna anzi il-kuntrarju.

Ghalhekk il-Qorti hija tal-fehma li jissussistu c-cirkostanzi mehtiega u msemmija fl-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll ikun fl-aqwa nteress tas-socjeta u tal-imputat li il-hati jitqieghed taht ordni ta' *probation*.

Ghalhekk il-Qorti qeghda tpoggi lill-hati taht Ordni ta' Probation ghall-perjodu ta' sena millum b'dan li ghal dan l-iskop qeghda tordna li l-hati jitqieghed taht is-sorveljanza t'Ufficjal tal-Probation indikat lilu mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole, liema ordnijiet huma soggetti ghall-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet moghti llum stess u anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha;

A tenur tal-Artikoli 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lill-hati bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ta' probation kif ukoll tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-digriet anness ma' din is-sentenza u li f'każ li jonqos milli jikkonforma ruhu ma' dik l-ordni u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'każ li jagħmel reat ieħor tul it-terminu tal-ordni ta' probation, jista' jinghata sentenza ghar-reati li taghhom instab hati b'din is-sentenza, kif ukoll l-konsegwenzi li jistghu jigu sofferti f'kaz ta' nuqqas t'adezjoni mat-termini tal-ordni hawn fuq imsemmi. Il-hati jiddikjara li jaqbel ma' tali ordni.

Ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' probation bid-digrieti ta' llum stess ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole sabiex jassenja Ufficjal tal-Probation biex ikun responsabbli ghas-sorveljanza tal-hati.

L-Ufficjal tal-Probation assenjat ghandu jirrapporta bil-miktub lill-Qorti kompetenti bil-progress tal-hati kull sitt (6) xhur.

Il-Qorti wara li rat l-Artikoli 383 (1) tal-Kodici Kriminali, sabiex tipprovdi ghas-sigurta' ta' Mikael Francois Fernard, tqieghed lill-hati taht obbligazzjoni tieghu personali ghal perjodu ta' sena taht penali ta' elfejn ewro (€2,000).

Il-Qorti tordna l-konfiska tal-*corpus delicti.*

(ft.) Dr Brigitte Sultana
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
Deputat Registratur

Vera kopja

D/Registratur

## Probation order

Il-Qorti,

Billi b’sentenza moghtija llum fl-ismijiet premessi, Abduraouf Younis Mansur Altabib detentur tal-karta tal-identita' numru 58794(A) gie misjub hati kif imfisser fl-istess sentenza u wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta’ Probation u gie mpoggi taht Ordni ta’ Probation ai termini tal-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta. Wara li fissret lill-hati bi kliem car l-effett ta’ din l-Ordni ta’ Probation (inkluzi l-kondizzjonijiet addizzjonali specifikati hawn taht skont l-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta) u illi jekk jonqos li jhares din l-Ordni jew jaghmel xi reat iehor matul il-perjodu ta’ sena millum, ikun jista’ jigi kkundannat ghar-reat li ghalih qed tigi maghmula din l-Ordni, u illi l-hati wera’ li jrid ihares il-kondizzjonijiet ta’ din l-Ordni ta’ Probation;

Ghalhekk tordna li l-hati Abduraouf Younis Mansur Altabib detentur tal-karta tal-identita' numru 58794(A) ikun ghall-perjodu ta’ sena millum taht is-sorveljanza ta’ Ufficjal ta’ Probation taht dawn il-kundizzjonijiet:

1. Li matul il-perjodu ta’ probation, il-hati ghandu jgib ruhu tajjeb, joqghod ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer u jzomm dak il-kuntatt mehtieg u mitlub mill-ufficjal tal-probation mahtur lilu.

2. L-Ufficjal tal-Probation mahtur ghal dan l-iskop ghandu jirraporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-hati kull sitt xhur.

3. Il-hati ghandu javza mmedjatament lill-Ufficjal tal-Probation b’kull bdil li talvolta taghmel fl-indirizz residenzjali tieghu.

4. Li ghandu jzomm ruhu f’kuntatt mal-ufficjal tal-Probation skont id-direttivi li jaghtih minn zmien ghall-iehor l-istess Ufficjal tal-Probation; u partikolarment li huwa ghandu, jekk l-Ufficjal tal-Probation ikun hekk irid, jircievi zjarat tal-istess Ufficjal tal-Probation.

5. Li joqghod ghal kull programm, ordni, inizjattiva u/jew direttiva tal-Ufficjal tal-Probation intizi li jghinu lill-hati biex ma jergax jirrepeti r-reati jew jikkommetti reati ohra, u b’mod partikolari li jsegwi programm sabiex jitghallem jikkontrolla ir-rabja (*anger management program*).

TORDNA li kopja ta' din l-Ordni tinghata lill-hati u lid-Direttur inkarigat mill-Ufficju tal-Probation Services u Parole ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

____________________________________

Abduraouf Younis Mansur Altabib

Maureen Xuereb
Deputat Registratur

Brigitte Sultana
Magistrat.